MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 58/2007

**Jesmond Micallef (ID 196368 M)**

**vs**

**Joseph Grima (KI 47065 M), Marthese Grima (139970 M) u Southern Supplies Company Limited (C38111)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fit-28 ta’ Frar, 2007 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta’ tlett elef u erba’ mitt lira (Lm3,400) rapprezentanti ammont dovut skond ftehim emanenti mill-iskrittura datata wiehed u tletin (31) ta’ Jannar 2006 annessa (Kopja annessa Dok A)

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kontestwali u bl-imghax, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-rispota tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Preliminarjament in-nullita’ tar-rikors attrici stante li m’hemmx indikazzjoni tal-Qorti kif trid il-ligi.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit in-nullita’ tar-rikors attrici stante li huwa neboluz u ma jindikax b’mod car u sewwa l-oggett u t-tip ta’ kawza esperita u r-ragunijiet tat-talba u kwindi l-konvenuti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju. Illi in ogni kaz l-attur ghandu jindika bi precizzjoni u mhux b’mod vag taht liema artikolu fil-Ligi qed jippromwovi r-rikors de quo.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit din il-Qorti mhix kompetenti *ratione materiae* sabiex tiehu konjizzjoni ta’ dan il-kaz stante li l-materja in dizamina hija kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

4. Illi fir-raba’ lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit l-iskrittura tal-31 ta’ Jannar 2006 imsemmija fir-rikors ma giet qatt implimentata u kwindi t-talba attrici m’ghandha ebda fondament guridiku.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit, ghal dak li jirrigwarda l-eccipjenti Marthese Grima (ID 139970 M) u *Southern Supplies Company Limited* (C-38111) dawn m’humiex partijiet fl-imsemmija skrittura u kwindi m’ghandhom ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent u kwindi ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

6. Illi fis-sit lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit ebda ammont m’hu dovut.

7. Illi fis-seba’ lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

8. Salvi jekk ikun il-kaz risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur u bir-riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skond il-ligi kontra l-istess attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Bil-verbali tat-23 ta’ April 2007 u dak tat-2 ta’ Ottubru 2007 il-konvenuti rtiraw l-ewwel u t-tieni eccezzjoni taghhom u zammu ferm il-bqija. Minkejja li din il-Qorti appuntat il-kawza diversi drabi ghall-provi tal-konvenuti, dawna qatt ma dehru u ghalhekk fl-ahhar il-Qorti kienet kostretta  illi thalli l-kawza ghas-sentenza biss fuq il-provi migjuba mill-attur.  Dawna kienu jikkonsistu fl-affidavit ta’ l-attur, ta’ Chris Tonna l-*accountant* tieghu, kif ukoll dak ta’ Dr Claire Bonello.

Mix-xhieda rrizulta illi saret skrittura bejn l-attur u Joseph Grima bid-data tal-31 ta’ Jannar 2006 fejn ippartecipat ukoll il-konvenuta Marthese Grima mart il-konvenut. Skond il-ftehim l-attur ikun investitur f’negozju illi jigi gestit mill-konvenuti u ghalhekk il-konvenut Joseph Grima gie mahtur bhala manager f’din l-operazzjoni kummercjali u giet imwaqqfa is-socjeta’ konvenuta *‘Southern Supplies Company Limited’* ghall-istess ghan imsemmi fl-iskrittura. Jidher li ghall-ewwel l-affarijiet kienu sejrin sew, izda wara xi zmien il-konvenut ma bediex jaghti rendikont ta’ eghmilu u kienet qieghda tkun difficli hafna biex jigi kkuntatjat kemm mill-attur kif ukoll mill-*accountant* tieghu Chris Tonna.

Fix-xhieda tieghu, li ta permezz ta’ l-affidavit, l-attur ta wkoll rendikont tal-flejjes li huwa ghadda lill-konvenut ghal fini ta’ din l-operazzjoni, kif ukoll l-andament ta’ l-istess operazzjoni sakemm kien ghad kellu informazzjoni ta’ dak li kien qed jigri. Meta ra li l-konvenut ma kienx qed jikkoopera u lanqas ma kien jaghtih sodisfazzjon tal-flus mghoddija kif l-attur del resto kellu dritt ikun jaf ai termini ta’ l-iskrittura, allura hawnhekk inkisru r-relazzjonijiet li

kien hemm bejn il-partijiet u l-attur iddecieda li jadixxi l-Qorti sabiex jiehu dak illi bi dritt kien tieghu. Il-konvenut qajjem diversi eccezzjonijiet ghat-talba ta’ l-attur. Kif gia nghad l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew irtirati.

Ikkunsidrat:

It-tielet eccezzjoni hija li l-Qorti ma kienetx kompetenti *ratione materiae* sabiex tiehu konjizzjoni ta’ dan il-kaz. Il-konvenut pero’ ma gab l-ebda prova ta’ dan u lanqas ma spjega lill-Qorti ghaliex dina ma kienetx kompetenti *ratione materiae*. Eccepixxa wkoll li l-iskrittura tal-31 ta’ Jannar 2006 qatt ma giet implimentata, ghalhekk it-talba attrici m’ghandha l-ebda fondament guridiku. Dana zgur ma rrizultax, anzi rrizulta illi l-partijiet taw effett ta’ l-iskrittura msemmija u dan billi l-attur ivversa flejjes lill-konvenut illi beda operazzjoni kummercjali. Jidher li kien il-konvenut li rega’ bdielu u ma baqax izomm l-istess relazzjonijiet amikevoli li kellu ma’ l-attur li kien kostrett jadixxi din il-Qorti.

Il-hames eccezzjoni hija li l-eccipjenti Marthese Grima u *‘Southern Supplies Company Limited’* mhumiex partijiet fl-imsemmija skrittura u ghalhekk m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent. Dan ukoll ma rrizultax. Anzi skond l-istess skrittura Marthese Grima kienet prezenti u ffirmat ukoll magemb il-firma ta’ zewgha Joseph Grima. Il-kumpanija pero’ ma tiffigurax f’dan il-ftehim, izda l-attur jaghmel referenza ghaliha meta fuq talba ta’ l-istess konvenut iddecieda illi jifforma din il-kumpanija halli jkun jista’ ahjar jahdem fil-qasam tas-shipping kif kien intenzjonat li jaghmel.

L-avukat Claire Bonello a fol 27 taghti x-xhieda taghha fejn tispjega ahjar l-operat ta’ din il-kumpanija u kif kellha tigi mwaqqfa proprju biex tghin lill-konvenuti fir-relazzjoni taghhom ma’ l-attur. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li hemm provi bizzejjed biex tinvolvi wkoll il-kumpanija *‘Southern*

*Supplies Company Limited'* ghad illi ma tidhirx fuq l-iskrittura.
Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ngabu provi bizzejjed mill-attur sabiex l-istanza tieghu jkollha success. Irrizulta ampjament ippruvat illi huwa hallas lill-konvenuti l-ammont ta' tlett elef u erba' mitt lira ekwivalenti llum ghal €7919.87 ghal skop specifiku b'kundizzjonijiet specifici li gew injorati u abbuzati mill-konvenuti u ghalhekk din is-somma ghandha tithallas lura mill-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur is-somma ta' €7919.87 (Lm3,400) rapprezentanti ammont dovut skond ftehim eminenti mill-iskrittura datata wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2006.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------